MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 175/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Vincent Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Vincent Zammit (ID no. 341564M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

Fl-24 ta' Settembru 2010 għall-ħabta ta' 17.00 hrs fl-inħawi tal-Mellieħa kien għall-kaċċa u/jew ġarr senter u/jew munizzjon waqt stagun maghluq. Regolament 18(1)(a) LS 435.68.

Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Marzu, 2011, li biha

wara li rat ir-Regolament 18(1)(a) LS 435.68, illum LS 504.71 u l-artikolu 5 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant ħati u għaldaqstant ikkundannatu multa ta' seba` mitt Ewro (€700).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fl-4 ta' April, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u cioe':-

1. Illi inkwantu għat-tieni akkuża, tali suppost reat, ma jinstab fl-ebda regolament u/jew provvediment tal-Ligi, tant illi l-istess akkuża ma tagħmel l-ebda referenza għall-ebda provvediment legali.

2. Illi in kwantu għat-tieni akkuża, il-Qorti ma tista` qatt issib ħtija ta' reat illi fil-fatt ma jeżistix.

3. Illi l-argument illi arma tista` tinżamm biss fuq l-indirizz fejn tkun irreġistrata, jgħodd u jorbot biss, għal fejn l-individwu ikollu biss il-liċenzja għaż-żamma tal-arma, u sabiex tinxtara l-arma (to keep) u ma' jreġix fejn l-individwu jkollu l-liċenzja għall-ġarr tal-arma (to carry).

4. Illi in kwantu għat-tieni akkuża dan hu minnu illi llum wieħed jista` jkollu "passaport" tal-arma, u jista` jġorr l-istess arma f'kull rokna ta' kull pajjiż tal-Unjoni Ewropeja sakemm din tkun fil-kontroll tal-liċenzjat u mhux "abbandunata", ħaġa li ma kienx il-każ, peress illi l-arma kienet miżmuma msakkra tajjeb fil-villeġġjatura tal-esponenti.

5. Illi in kwantu għall-ewwel akkuża, l-prosekuzzjoni naqset milli ġġib l-aħjar prova rikjesta mil-liġi.
Ikkonsidrat

Li l-appellant għamel enfasi ewlenija – u fil-fatt beda biha – dwar it-tieni imputazzjoni.

**Il-Liġi Skont l-artikolu 5 tal-Kap 480.**

It-tieni imputazzjoni għandha x'taqsam ma' dan l-artikolu u qed ikunu riprodotti il-partijiet relevanti minnu hawn taħt:
**'Liċenza għaż-żamma, pussess, importazzjoni jew esportazzjoni ta' armi tan-nar u munizzjon.**

**'Liċenzja għaż-żamma, pussess,
esportazzjoni jew importazzjoni ta'
armi tan-nar, armi u munizzjon.'**

5. (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, ħadd ma għandu jżomm f'xi fond jew ikollu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew iġorr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II mingħajr ma jkollu liċenza taħt dan l-Att.

(3) (a) Applikazzjoni għal liċenza taħt din it-Taqsima biex j inżammu f 'xi fond armi tan-nar jew munizzjon għandhom jispeċifikaw liema jkun dak il-fond fejn ikunu ser jinżammu dawk l-armi tan-nar u munizzjon u l-liċenza tingħata *biss bil-kondizzjoni li l-armi tan-nar u munizzjon approvati jinżammu maqfulin b'mod sigur u separat f 'dak il-fond u li dawk l-armi tan-nar jinżammu skargati.*

*(b) Kull kambjament fil-fond approvat għandu jiġi avżat lill-Kummissarju fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data ta' dak il-kambjament.'*

L-appellant jissottometti li ma kien hemm ebda artikolu indikat ħdejn l-imputazzjoni. Bir-rispett kollu, huwa illum magħruf sew li ċ-ċitazzjoni hija ordni a comparire u m'ehmmx għalfejn li l-Pulizija Esekuttiva tindika l-artikoli tal-Liġi allegatament miksura. U jekk tindikhom ħażin ma hemm ebda nullita'. Għalhekk il-Qorti mhix tilqa' dan l-aggravju.

It-tieni aggravju huwa li r-reat ma jeżistix. Iżda jekk wieħed iħares sew lejn l-artikolu hawn fuq ċitat, wieħed jinduna li r-reat jeżisti u jekk wieħed iwettqau hemm multa ta' li ma taqbiżx is-€699 (ara artikolu 51(9) tal-istess Kap 480). Għalhekk il-Qorti mhix tilqa' dan l-aggravju.

It-tielet aggravju huwa li wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn liċenzja għaż-żamma tal-arma u biex tinxtara l-arma u dan ma japplikax għal meta wieħed ikollu liċenzja għall-ġarr ta' arma.

Bħala fatt jirriżulta mir-records tal-Uffiċju tal-Armi li l-appellant għandu liċenzja għall-armi tan-nar għall-ġarr/użu biss għall-Hunting. Dawn imsemmija a fol 5/26.

Bħala liġi l-artikolu kif hawn fuq riprodott ma jagħmilx id-distinzjoni li għamel is-sottomissjoni fuqha l-appellant. Il-prinċipju li wieħed jindika l-post fejn iżomm l-arma japplika għal kulħadd. Skont l-affidavits esibiti l-appellant kien qalil lill-uffiċjali li kien qed iżomm is-senter mhux id-dar iżda fil-villeġġatura tiegħu.

Is-subartikolu 3 tal-artikolu 5 huwa tant ċar li jirrikjedi li jekk wieħed ikun ser ibiddel il-post fejn iżomm is-senter irid javża lill-Kummissarju.

Dan l-avviż ma ngħatax u għalhekk il-Qorti mhix tilqa' dan it-tielet aggravju.

Ir-raba' aggravju huwa dwar il-possibilita' li wieħed ikollu passaport tal-arma u li jista' jġorr l-istess arma f'kull rokna ta' kull pajjiż.' Bir-rispett kollu l-passaport li qed jalludi għalih l-appellant bl-ebda mod ma għandu xi effett fuq dak li qed tgħid espressament il-Liġi fl-artikolu 5(3)(a) tal-Kap 480. Il-Liġi ħolqot obbligu u kull min ħa l-liċenzja jrid joqgħod għal dan l-obbligu. Ebda passaport Ewropew ma jbiddel din il-pożizzjoni legali. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad ir-raba' aggravju dwar it-tieni imputazzjoni.

L-Ewwel Imputazzjoni

Il-Liġi.

Ir-regolament 18 tal-Avviż Legali 504.71 (qabel 435.68) jiddisponi hekk:

18. (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 9, l-ebda persuna m'għandha:

(a) waqt l-istaġun magħluq għall-kaċċa ta' l-għasafar mhux minn fuq il-ba]ar, tikka``ja jew tipprova tikkaċċja xi għasfur, jew iġġorr munizzjoni jew arma tan-nar barra l-għata tagħha;'

Dwar din l-ewwel imputazzjoni l-appellant jissottometti li ma nġabitx l-aħjar prova. Mill-atti jirriżulta li kienu esibiti żewġ affidavits li fihom hemm referenza ċara għas-sejba ta' skrataċ fil-karozza waqt staġun magħluq tal-kaċċa – 24 ta' Settembru 2010 għall-ħabta tal-17.00. L-affidavit tal-uffiċjali huwa aċċettat mil-Liġi u l-imputat dejjem għandu d-dritt li jitlob li jagħmel il-kontro-eżami. Jirriżulta li kien qed iġorr munizzjon u l-ġarr ta' munizzjon huwa pprojbit bir-regolament imsemmi. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju wkoll.

Dwar il-multa, jirriżulta li l-Qorti kkundannat lill-appellant iħallas multa ta' €700. Għat-tieni imputazzjoni, il-Liġi tikkontempla multa massima ta' €699 u għal dik tal-ewwel tikkontempla minimum ta' €232.94 u massimu ta' €2329.37. Il-multa qegħda fil-parametri tal-Liġi u ġaladarba l-multa tkun fil-parametri tal-Liġi, il-Qorti ma tindaħalx malajr fid-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti.

Konklużjoni

Għaldaqstant, il-Qorti, waqt li qed tiċħad l-aggravji kollha, qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-23 ta' Marzu 2011 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------